MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2004

Numru 222/1997/1

Martin Scicluna
vs
Air Malta Company Limited u b'digriet ta' l-14 ta' Mejju 1999 giet kjamata fir-rikors l-Air Supplies and Catering Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1987 huwa sofra ingustizzja f'li gie trasferit ghal ma' l-Awziljari u ma nghatax impjieg fiss.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi hu kien dahal jahdem ma' l-Air Malta bhala Loader f'Mejju 1987. Wara l-elezzjoni tal-1987 hu gie trasferit mal-kumpaniji sussidjarji ta' l-Air Malta u wara ftit rega' gie trasferit ghal ma' l-Awziljari. Fl-1991 hu kien rega' beda

jaghmel xoghol ta’ Loader ghas-sajf, fuq talba ta’ l-Air Malta u wara li ghadda l-istagun gie mibghut lura ma’ l-Awziljari. Hu kien rega’ gie mibghut fis-sajf ta’ l-1992 u 1993 jaghmel xoghol ta’ Loader ma’ l-Air Malta. Fis-sena bejn il-1991 u 1992 kienu gew impjegati haddiema minn barra minghajr esperjenza tax-xoghol u hu li kellu l-esperjenza mehtiega baqa’ jigi mwarrab ma’ l-Awziljarji u juzawh biss meta jkun hemm bzonn minghajr qatt ma sar tal-post.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-impjieg tieghu bis-seniority b’kollox li tilef, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar minn Lm5000 jew kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta’ Air Malta Company Limited li eccepiet:

Illi l-allegazzjonijiet maghmula fir-rikors ta’ Martin Scicluna jimmerittaw illi jigu michuda kompletament ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-kumpanija intimata ma irrizultalhiex illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent, illi huwa dahal jahdem mal-istess kumpanija, hija korretta.

2. Illi waqt li r-rikorrent kien jifforma parti mill-iskema tal-haddiema Awziljari, huwa ma setax jinghata xoghol permanenti mal-kumpanija, ghalkemm inghata kuntratti definiti ghas-sajf bhala ‘casual worker’.

3. Illi l-kumpanija, bl-ebda mod ma ntrabtet, la mar-rikorrent u lanqas ma' persuni fis-sitwazzjoni tieghu, li b'xi mod tipprovdi impjieg definit.

4. Illi l-impjegati li ghalihom saret referenza fir-rikors u li gew inpjegati permanentement bhala 'loaders' kienu erbgha, li kienu fuq kuntratt indefinit ta' l-impjieg mas-socjetajiet sussidjarji tas-socjeta` intimata. Dawn gew kollha maghzula.

5. Illi kull impjegat temporanju iehor gie maghzul mis-socjeta` intimata skont il-proceduri regolari taht l-'Employment and Training Corporation'.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq permessi is-socjeta` intimata talbet lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mis-socjeta` intimata.

Ra r-risposta tas-socjeta` Air Supplies & Catering Company Limited li eccepiet:

Illi fil-21 ta' Mejju 1999 is-socjeta` kjamata fil-kawza giet notifikata bir-Rikors numru 222/97 fl-ismijiet fuq premessi wara li giet imsejha fil-kawza bhala terza persuna ai termini ta' l-artikolu 961 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi s-socjeta` kjamata fil-kawza ai termini ta' l-artikolu 962 ta' l-istess Kodici citat, qed inqdiet b'kull beneficcju illi l-Ligi taghti lill-intimati l-ohra fil-kawza odjerna, inkluz il-beneficcju li tipprezenta l-prezenti risposta;

Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda mit-Tribunal fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Illi preliminarjament ir-rikors odjern fl-ismijiet fuq premessi kif mizjuda b'digriet ta' l-14 ta' Mejju 1999 u wara li s-socjeta` kjamata intimata giet imsejha fil-kawza bis-sahha ta' l-istess digriet, ma jistax jigi accettat taht l-Att ta' l-1997

dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji (Att Nru.VIII ta' l-1997) stante li dan l-istess rikors sar wara li ghaddew sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' l-Att imsemmi, u dan ai termini ta' l-artikolu 9 ta' l-istess Att;

Illi minghajr hsara ghall-ahhar premessa ta' qabel din, is-socjeta` kjamata fil-kawza filwaqt li ghamlet referenza ghall-eccezzjonijiet moghtija mill-Air Malta Company Limited ghamlet taghha dawn l-istess eccezzjonijiet, sa fejn dawn huma applikabbli ghaliha, b'riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjeta` kjamata in kawza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent u kkonferma l-kontenut tar-rikors bil-gurament.  Zied jghid li beda ma' l-Air Malta billi ffirma l-kuntratt ta' loader/cleaner u qabel kien impjegat ma' l-Air Supplies.  Spjega li wara zmien kienu bidlulhom ix-xoghol u nghataw xoghol ta' tibjid, u mbaghad fl-1988 kienu regghu sejhulhom biex jaghmlu xoghol ta' loader/cleaner ghal sitt xhur biss, u dan baqa' jsir ghal tliet snin konsekuttivi.  Zied ighid li fl-1994 rega' kien hemm it-talba ghan-nies mal-Air Malta u rega' applika biex jaghmlu xoghol ta' loader/cleaner u l-applikazzjoni ma gietx accettata.  Semma li fl-istess zmien dakinhar kienu gew impjegati nies ohra bhala loader/cleaner.  Hu lmenta li tilef eluf ta' liri fis-sena peress li ma baqax impjegat bhala loader/cleaner mal-Air Malta.

In kontro ezami qal li kien dahal ma' l-Air Malta fis-7 ta' Mejju 1987 bil-kuntratt u zied li ma nghata qatt kopja ta' dan il-kuntratt.  Spjega li gie nfurmat li jifforma parti mill-Awziljari meta harget skeda dwar dan izda din mhux mill-

Air Malta kienet harget. Meta kien jifforma parti mill-Awziljari l-ewwel kien ibbazat l-ajruport u wara baghtuh anke f'postijiet fuq barra. Hu esebixxa dokument a fol 160 ittra ta' Lawrence Mizzi Group Head Human Resources and Administration tal-Air Malta lis-Sur Ronnie Pellegrini Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport General Workers' Union dwar it-talba dwar ghaxar impjegati li kienu qed jaghmlu xoghol temporanju bhala Loaders/Cleaners biex jigu impjegati fuq bazi permanenti u li fiha l-kumpanija infurmat lis-Sur Pellegrini li mhux qed timpjega nies fil-grad ta' Loaders/Cleaners fuq bazi permanenti.
Xehed Tony Zarb li kien Segretarju Generali tal-General Workers' Union u qal li fl-1987 kien Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport u bhala Segretarju kellu tahtu l-Air Malta u l-Air Supplies. Fir-rigward tar-rikorrent qal li hu kien jaghmel xoghol ghal diversi xhur ma' l-Air Malta u kien imnizzel bhala irregolari. Spjega li l-ftehim bejn il-Union u l-Gvern kienet ir-regola li l-haddiema kellhom jittiehdu minn dawk li diga kien hemm bhala irregolari, u mhux jigu impjegati haddiema godda. Minkejja dan semma li gew impjegati loaders/cleaners minn barra. L-ewwel kategorija kienu nies li gew impjegati ghal sitt xhur u kienu jergghu jmorru jirregistraw wara, u t-tieni kategorija kienu grupp ta' casuals li kienu jigu impjegati mal-Kumpanija u li wara saru tal-post. Semma li kien hemm xi erbgha, sitta minn nies li gew impjegati mal-Air Malta li precedentement la kienu temporanji, la casuals u anqas xejn u gew impjegati bhala Loaders/Cleaners u dawn anqas biss kienu jidhru fir-registru tax-xoghol bhala li qed ifittxu xoghol.

Xehed Joe Scerri Supervisor ma' l-Air Malta fis-sezzjoni tar-rampa u l-loaders/cleaners kienu jaqghu tahtu. Qal li jaf lir-rikorrent u semma li wara l-1987 dahlu loaders/cleaners temporanji, bhala part-timers, u wara kien hemm numru minnhom li saru permanenti mill-ewwel. Hu kkonferma li xoghol ta' loaders/cleaners mal-Kumpanija dejjem kien hemm u qal li fil-fatt meta gew impjegati numru ta' loaders/cleaners permanenti kien hemm madwar erbghin.

Xehed John Cassar li sostna li l-ewwel kienu ffirmaw kuntratt mal-Air Suppies fl-1987 u ftit jiem wara mal-Air Malta izda kopja tal-kuntratt m' ghandux. Semma li kienu fl-iskema tal-Awziljari u jahdmu fuq barra izda c-cheque kien jigi mill-Air Supplies.

Xehed Joseph Abdilla Manager In Flight li qal li kien hemm 42 impjegat mal-Air Supplies li fis-7 ta' Mejju 1987 gew dikjarati irregolari. Spjega li f'Ottubru 1987 dawn l-istess nies kienu marru mal-Airport Hotel u wara mal-Awziljarji, u fit-30 ta' Novembru 1992 gew dikjarati qeghdin jahdmu mal-Gvern. Ghamel refernza ghal ittra ta' George Borg Cardona Chairman tal-iSkema Haddiema Awziljari u Tahrig li rrefera ghall-Labourers/Loaders bhala irregularly engaged. Din l-ittra giet mibghuta lill-Lawrence Mizzi Company Secretary Air Supplies and Catering Company Limited. Fl-istess ittra jissemma li l-impjegati jibqghu fuq il-kotba tal-Kumpanija. Intbaghatu diversi ittri lill-impjegati fosthom lir-rikorrent. Esebixxa dokument li juri li gew impjegati mal-Awziljarji u ittri li gew mahruga lill-impjegati u dokument li jghid li huma gew meqjusa impjegati mal-Gvern fl-1992.

In kontro ezami qal li l-impjegati gew terminati minn mal-Air Supplies f'Jannar 1992. Semma wkoll li meta qalbu ma' l-Awziljarji xorta baqghu jiehdu l-paga mill-Air Supplies. Hu pprezenta dokument li juri li Joseph Falzon, Peter Sultana, Godwin Attard Cassar u George Galea gew ingaggati l-ewwel wiehed fl-14 ta' Mejju u l-ohrajn fl-1 ta' Frar 1992 b' effett mill-1 ta' Jannar 1987, u l-ahhar tlieta gew sekondati mill-iSterling Air Services. Meta gew impjegati kienu jaghmlu xoghol ta' loaders/cleaners ma' l-Air Supplies u dawn kienu ghadhom ma' l-Air Supplies sa meta xehed, izda l-Air Supplies illum m'ghadx ghandha loaders/cleaners. Hu esebixxa wkoll dokument "JA2a" li juri l-pagamenti li kienu hargu lill-impjegati tal-Air Supplies fosthom ir-rikorrent minn Mejju 1987 sa Novembru 1987. Qal li jidhru l-pagamenti li kienu saru xahar wara xahar minn Mejju 'il quddiem. Ikkonferma li dawn huma kollha dokumenti ta' l-Air Supplies. Qal li l-Air Supplies ghandha wkoll Employment History tar-rikorrent. Esebixxa dokumenti li huma l-istatements tal-Wages and Salaries

Account tal-Air Supplies li juru li r-rikorrent kien gie mhallas mill-Air Supplies. Hu kkonferma wara li gie riferut ghal dokument “AC22a”, li r-rikorrent kien impjegat ma’ l-Air Supplies bhala loaders/cleaners. Qal ukoll li jirrizulta li r-rikorrent kien impjegat ma’ l-Air Supplies mit-8 ta’ Mejju 1987 u dejjem gie mhallas mill-Air Supplies hekk kif jidher mid-dokumenti sakemm sabulhom impjieg iehor mal-Gvern fl-1992.

Gie prezentat affidavit ta’ Lawrence Mizzi li hu Group Head Corporate Services – Subsidiary and Associated Companies u kien anke Segretarju tal-Air Supplies and Catering Company Limited. Spjega li qabel id-9 ta’ Mejju 1987 ir-rikorrent kien gie impjegat mal-Air Supplies u ma rrizultax li dawn il-haddiema qatt iffirmaw kuntratt permanenti mal-Air Malta. Semma li peress li kien hemm numru ta’ impjegati li ma gewx impjegati skond il-proceduri rikjesti mil-ligi, gew dikjarati impjegati irregolari u gew imqeghda fl-iskema tal-Awziljarji skond il-ftehim milhuq bejn il-Gvern u l-Union iffirmat fid-9 ta’ Ottubru 1987. Zied ighid li l-pagi ta’ dawn in-nies kienu jithallsu mill-Air Supplies sakemm inghataw impjieg permanenti ma’ diversi Dipartimenti tal-Gvern. Qal li dawn l-impjegati fosthom ir-rikorrent kellhom jippruvaw jutilizzawhom l-Air Supplies u l-Air Malta u dan sakemm intlahaq il-ftehim bejn il-Gvern u l-Union u wara ntbaghtu l-Airport Hotel sakemm iddahhlu fl-iskema tal-Awziljarji. Fir-rigward ta’ dan irrefera ghal zewg ittri datati 30 ta’ Novembru 1992 fejn l-Air Supplies gew infurmati bid-decizjoni tal-Ufficcju tal-Prim Ministru li l-impjegati li gew fl-iskema gew offruti impjieg permanenti mad-Dipartiment tal-Gvern. Ghalhekk l-impjieg permanenti gie moghti b’effett retro-attiv mill-1 ta’ Jannar 1992.

Gie prezentat affidavit ta’ Dr. Joseph Farrugia fejn intqal li hu Group Head Human Resources u Administration. Semma li r-rikorrent gie impjegat irregolarment ma’ l-Air Supplies qabel id-9 ta’ Mejju 1987 u l-paga tieghu baqghet tithallas mill-Air Supplies u ma jirrizultax li r-rikorrent kien iffirma kuntratt mal-Air Malta. Qal li r-rikorrent gie dikjarat bhala impjegat irregolari skond il-ftehim milhuq bejn il-Gvern u l-Union iffirmat fid-9 ta’ Ottubru 1987. Zied ighid

li l-Air Malta kull meta impjegat loaders kemm b'kuntratt indefinit kif ukoll temporanju, dejjem ghamlet dan b'mod regolari u skond il-proceduri rikjesti mil-Ligi u dan ifisser li l-loaders gew maghzula mil-lista tal-Labour Office. Qal ukoll li sakemm intlahaq il-ftehim l-Air Supplies ippruvaw jutilizzaw lir-rikorrent u haddiema ohra bhalu b'xi mod u peress li ma kienx hemm wisq xoghol dawn intbaghtu l-Airport Hotel. Spjega li fl-1992 l-Ufficcju tal-Prim Ministru kien iddecieda li l-impjegati li kienu baqghu fl-iskema tal-Awziljarji jigu offruti impjieg permanenti mad-Dipartimenti tal-Gvern u dan l-impjieg permanenti gie moghti b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 1992. Semma wkoll li r-rikorrent fis-sjuf tal-1991 u l-1992 kien jahdem bhala casual employee u fis-sajf tal-1993 inghata 'unpaid leave' biex jahdem bhala 'casual employee'. Ghaldaqstant qal li l-ingagg ta' impjegati temporanji kien isir mil-listi tan-nies mill-Employment andTraining Corporation u billi r-rikorrent kien inghata impjieg permanenti mal-Gvern wara l-1993 b'hekk ma baqax jintbaghat bhala temporanju. Qal li ma jirrizultax li qatt kien hemm ftehim bejn il-Union u l-Gvern biex dawn l-impjegati jinghataw xoghol permanenti. Hu ddikjara li l-Air Malta m'ghandhiex bzonn loaders ohra anzi giet introdotta 'Early Retirement Scheme' biex permezz taghha forsi jonqos ftit in-numru ta' impjegati. Qal li fil-prezent hemm 293 impjegat bhala loaders full time u l-ahhar ingagg sar fis-17 ta' Mejju 1995.

In kontro ezami ipprezenta dokument li huwa lista ta' loaders/cleaners temporanji mill-1991 sal-1997 fejn isem ir-rikorrent jidher shaded bl-ahdar. Esebixxa wkoll il-lista ta' loaders/cleaners part time mill-1991 sal-1998 u lista ta' loaders/cleaners permanenti ma' l-Air Malta. Fir-rigward ta' Dokument "TR2" qal li r-rikorrent ma kkonkorriex ma' dawk ingaggati fl-1994 u l-1995 peress li r-rikorrent ma kienx fil-lista li tat l-Employment and Training Corporation. Spjega li l-procedura mill-1994 'l hemm kienet li l-ewwel tmur l-Employment and Training Corporation u tirrekluta skond dik il-lista ta' nies u anki fl-1993 il-kumpanija mxiet b' din il-procedura. Qal li hu ma jafx dwar il-ftehim li kien hemm bejn il-Gvern u l-Union li jghid li l-haddiema irregolari jridu jinghataw preferenza fl-impieg fil-Kumpanija parastatali.

Semma li kien propju Lorry Mizzi li kien baghat lir-rikorrent biex jaghmel xoghol mal-Air Malta fuq bazi temporanja. Ikkonferma li fl-1994 u l-1995 kien hu responsabbli. Qal li fl-1991 u l-1992 gew ingaggati loaders/cleaners permanenti kif ukoll temporanji u jiftakar li fl-1994 gew ingaggati 26 loaders/cleaners. Hu kkonferma wkoll li minn Awissu 1987 sa Novembru 1995 gew ingaggati 105 loaders/cleaners peress li fil-fatt kien hemm aktar operations u nfethu iktar rotot u kien hemm aktar ajruplani.

Xehed Louis Grech Executive Chairman tal-Air Malta li qal bejn l-1992 u l-1997 ma kienx l-Air Malta. Spjega li hu mhux intiz dwar il-kwistjoni tal-loaders/cleaners u li s-Sur Lorry Mizzi kien responsabbli mis-sussidjarji jew rapprezentant mis-sezzjoni tal-finanzi u jkun jista' jixhed iktar dwar dan. Qal biss li jiftakar li f'xi zmien ir-rikorrent kien hadem bhala Temporary Loader/Cleaner mal-kumpanija. Semma wkoll li normalment il-prassi hi li qabel ma timpjega n-nies, il-kumpanija tirreferi ghall-Employment and Training Corporation u l-Employment and Training Corporation tindikalha numru ta' nies sabiex jigu intervistati.

Xehdet Helen Camilleri rapprezentanta tas-sezzjoni Rizorsi Umani mal-Kumpanija Air Malta li b'referenza ghal Dokument "TR2" qalet li dawn kienu gew ingaggati ma' l-Air Malta peress li kienu jirregistraw u gew ingaggati fuq bazi temporanja. Fir-rigward tar-rikorrent qalet li hu mar ma' l-Air Malta on loan minn full time employment minn mal-Gvern, ghalhekk kienu jergghu jmorru lura mal-Gvern u b'hekk ma jigux impjegati permanentement mal-Air Malta. Spjegat li l-Air Malta titlob lill-Employment and Training Corporation meta jkollha bzonn timpjega lil nies fuq bazi permanenti u l-part timers dejjem gew ingaggati wkoll mill-Employment and Training Corporation u d-differenza hi li t-temporanji jahdmu 40 siegha fil-gimgha u l-part timers jahdmu 30 siegha. Semmiet li l-istaff number fil-lista Dokument "TR4a" mhux kronologikament abbazi ta' anzjanita`, fejn qalet li jidher minn din il-lista li kien hemm 10 temporanji. Esebiet Dokument "AC19" li hi lista tal-haddiema ma' l-Air Supplies u jidher ir-rikorrent

fosthom u din tkopri minn Dicembru 1987. Qalet li taf li saru tahdidiet mal-Gvern u mal-Union fuq in-nies li kienu dahlu qabel l-elezzjoni tal-1987 fosthom ir-rikorrent.

Xehdet Rita Taylor East Manager fis-Sezzjoni tar-Rizorsi Umani fl-Air Malta li qalet li l-loaders li gew ingaggati qabel l-elezzjoni tal-1987 kienu gew ingaggati ma' l-Air Supplies u ma jirrizultax li qatt iffirmaw kuntratt ma' l-Air Malta u kienu jithallsu wkoll mill-Air Supplies. Spjegat li mbaghad dawn il-loaders fosthom ir-rikorrent gew imdahhla fl-iskema ta' l-Awziljari u dan peress li kienu kunsidrati li dahlu irregolarment mal-Kumpanija, u dan peress li huma ma kienux gew registrati mal-Labour Office li llum hi l-Employment and Training Corporation. Qalet li l-Air Malta qatt ma dahhlet loaders irregolari u eventwalment il-Gvern kien ha lil dawn il-haddiema li kienu gew assimilati f' din l-iskema tal-Awziljarji u gew impjegati permanentament mal-Gvern. Spjegat li ma jirrizultax li dawn il-loaders qatt kellhom jinghataw xoghol permanenti mal-Air Malta u f'dak il-perjodu l-Air Malta ma kellhiex bzonn loaders permanenti. Semmiet li kien hemm ittra mill-Ufficju tal-Prim Ministru fl-1992 li tghid li din l-iskema tal-Awziljarji giet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1992 u kien fl-1992 li ntbaghtu jahdmu fid-Dipartimenti rispettivi. Qalet li fis-sjuf tal-1991, 1992, 1993 ir-rikorrent hadem mal-Air Malta bhala loader/cleaner, izda f' dan il-perjodu qatt ma hadem permanentement ma' l-Air Malta.

**KONKLUZJONIJIET:**

A] **Eccezzjoni tas-socjeta` kjamata fil-kawza dwar li ghaddew sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh tal-Kap 394 u notifika tal-istess socjeta` ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap 394.** Fil-kawza fl-ismijiet "Victor Caruana vs Dipartiment tax-Xogholijiet et" deciza mit-Tribunal fl-1 ta' Novembru, 2000, it-Tribunal qal:

"Dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` Kalaxlokk u cioe' dwar l-artikolu 9 ta' l-Att VIII ta' l-1997 u t-talba li l-ilment fil-konfront taghha ma jigix ikkunsidrat minn dan it-Tribunal u ghandu jigi michud stante li hija ma gietx notifikata fit-terminu tal-ligi li ghalhekk l-azzjoni in kwantu

qed tigi diretta issa fil-konfront tax-socjeta' Kalaxlokk hija tardiva, irregolari u insostenibbli fil-konfront ta' l-istess.

Il-kjamat in kawza sostna li n-nuqqas tar-rikorrent li jintavola ilment fil-konfront taghha fiz-zmien preskritt mill-ligi ma jistax u ma ghandux jigi sanat permezz ta kjamata in kawza wara li ghalaq l-istess zmien. Tagha l-ezempju dwar proceduri normali quddiem il-Qrati Civili, jekk attur jezercita l-azzjoni redibitorja kontra konvenut fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur stabbilit mil-ligi u ferm wara l-gheluq tas-sitt xhur jidhirlu illi l-venditur ma kienx il-konvenut izda terza persuna jew li l-konvenut ma kienx l-uniku venditur izda kien hemm ukoll terza persuna ohra ma jistax b'success, jikkjama in kawza tali terza persuna wara d-dekors tas-sitt xhur ghax il-perjodu perentorju jkun skada.

L-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, dahal fis-sehh fit-2 ta' Gunju 1997 permezz ta' Avviz Legali 63 ta' l-1997."

Illi jirrizulta li:
1. Ir-rikors odjern gie presentat fil-23 ta' Lulju, 1997;
2. Illi fl-14 ta' Mejju, 1999 fuq talba ghall-kjamata fil-kawza tas-socjeta` Air Supplies and Catering Company Limited it-Tribunal laqa' t-talba u s-socjeta` msemmija giet notifikata fil-21 ta' Mejju, 1999 u fl-10 ta' Gunju 1999 giet intavolata r-risposta fejn giet issollevata l-eccezzjoni in ezami.

L-artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:
"M'ghandux jigi accetta ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att." Skond l-artikolu 7 (1) ta' l-Att "L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors…". L-artikolu 1 jsemmi li "l-Att ghandu jidhol fis-sehh f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern". Permezz ta' l-Avviz Legali 63 tal-1997 "il-Prim Ministru stabbilixxa t-2 ta' Gunju, 1997 bhala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha ta' l-imsemmi Att ghandhom jidhlu fis-sehh". Dan kollu jwassal li kull minn kellu xi ilment xi jressaq taht il-provvedimenti ta' l-Att VIII tal-1997 kellu jipprezenta r-rikors tieghu sa sitt xhur wara

l-bidu fis-sehh ta’ l-imsemmi Att u cioe` sat-2 ta’ Dicembru, 1997.

Li kieku s-socjeta` kjamata in kawza ma ssollevatx din l-eccezzjoni it-Tribunal kien jipprocedi biex jezamina t-talbiet tar-rikorrent, izda f’dan il-kaz, is-socjeta` kjamata fil-kawza issollevat din l-eccezzjoni li fil-fehma tat-Tribunal hi gustifikata ghax l-istess socjeta` giet kjamata tardivament. Wiehed jista’ jqis li ttiehdu passi kontra s-socjeta` kjamata fil-kawza fil-11 ta’ Mejju, 1999 li jekwivali li fil-konfront tal-imsemmija socjeta` r-rikors kien qisu prezentat f’ dik id-data li tmur kontra l-artikoli tal-ligi fuq citati.

Jinghad pero` li l-eccezzjoni hija valida biss fil-konfront tas-socjeta` kjamata fil-kawza, u mhux fil-kaz tas-socjeta` intimata l-ohra. Ara wkoll is-sentenza tat-Tribunal fl-ismijiet “Pauline Camilleri vs Direttur Avvjazzjoni Civili et” tat-22 ta’ Gunju 2000 li kien kaz identiku.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni tas-socjeta` kjamata fil-kawza u jilliberaha.

B] **L-eccezzjoni tas-socjeta` Air Malta Company Limited li r-rikorrent ma dahalx jahdem ma’ l-Air Malta**. Fil-fatt ir-rikorrent fir-rikors tieghu sostna li hu kien dahal jahdem mal-Air Malta fis-7 ta’ Mejju 1987 u kkonferma dan fl-affidavit fejn anke qal li ffirma kuntratt izda ma pproduciex kopja ta’ dan il-kuntratt ghax sostna li ma nghatax kopja tieghu. Jirrizulta minn fol 160 li kien hemm ittra miktuba minn Lawrence Mizzi Group Head Human Resources and Administration tal-Air Malta lis-Sur Ronnie Pellegrini Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport General Workers’ Union dwar it-talba dwar ghaxar impjegati li kienu qed jaghmlu xoghol temporanju bhala Loaders/Cleaners biex jigu impjegati fuq bazi permanenti u li fiha l-kumpanija infurmat lis-Sur Pellegrini li mhux qed timpjega nies fil-grad ta’ Loaders/Cleaners fuq bazi permanenti. Meta xehed John Cassar fol 34 dan semma li c-cheque tal-hlas kien jigi mill-Air Supplies.

Meta xehed Joseph Abdilla dan semma li l-impjegati kienu dahlu mal-Air Supplies fis-7 ta’ Mejju 1987 u li in segwitu

gew dikjarati haddiema irregolari u l-pozizzjoni taghhom giet regolarizzata fl-1992 meta saru impjegati tal-Gvern. Hemm ittra mahruga minn George Borg Cardona mibghuta lill-Air Supplies and Catering Company Limited li jirreferi ghal dawn il-haddiema u filwaqt li semma li sejrin jinghataw xoghol mal-AWTS semma li dawn sejrin jibqghu registrati fuq il-kotba tal-kumpanija. Hemm esebita wkoll il-lista tal-haddiema li gew impjegati b' mod irregolari.

Inoltre kemm Lawrence Mizzi kif ukoll Dr. Farrugia mid-depozizzjoni taghhom jirrizulta car li r-rikorrent gie impjegat irregolarment ma' l-Air Supplies qabel id-9 ta' Mejju 1987 u l-paga tieghu baqghet tithallas mill-Air Supplies u ma jirrizultax li r-rikorrent kien iffirma kuntratt mal-Air Malta.

Helen Camilleri rapprezentanta tal-Human Resources tal-Air Malta u Rita Taylor East Manager Human resources tal-Air Malta kkonfermaw li r-rikorrent kien dahal jahdem mal-Air Supplies u mhux mal-Air Malta u dan b' impjieg irregolari kif gie certifikat minn ftehim milhuq bejn il-Gvern u l-union u kien baqa' fuq il-kotba tal-Air Supplies.

Dan ifisser li ma hemm l-ebda dubju li l-impjieg tar-rikorrent ma kienx mal-kumpanija Air Malta izda mal-Air Supplies and Catering Company Limited, liema kumpanija gja giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju kif issema hawn fuq. Dan iwassal li l-kumpanija Air Malta ma ghandhiex responsabbilta` dwar l-impieg tar-rikorrent u ghalhekk tilqa' l-eccezzjoni tal-kumpanija konvenuta dwar dan l-aspett dejjem f' dan l-istadju eskluz il-fatt li l-Air Malta impjegat erbgha min-nies ohra fl-1992 b' effett mill-1 ta' Jannar 1987.

C] **L-eccezzjoni tas-socjeta` Air Malta Company Limited li r-rikorrent ma kienx dahal jahdem ma' l-Air Malta b' mod regolari**. Irrizulta li r-rikorrent kien dahal jahdem mal-Air Supplies f' Mejju 1987 b' mod irregolari. Gie esebit dokument li minnu jirrizulta li kien hemm ftehim milhuq bejn il-Gvern u l-General Workers' Union fid-9 ta' Ottubru, 1987. Dan il-ftehim jitkellem dwar haddiema regolari u irregolari. Ghar-rigward ta' dawk il-haddiema li

gew impjegati irregolarment dawn kellhom jigu stabbiliti kaz kaz min huma mal-Unions.  Dawn il-haddiema kellhom:

- jitqiesu bhala  "casuals" u jibqghu hekk kunsidrati sakemm jinghataw xoghol permanenti;
- sakemm jinghataw dan ix-xoghol ikunu flessibbli.
- ix-xoghol permanenti jinghata jew fis-settur li jaqa' taht il-kontroll tal-Gvern jew fis-settur privat, skond kif jaghzel l-individwu;
- il-haddiema jikkonkorru ma' min qieghed jirregistra.

Ikkunsidra li l-Artikolu 110 subartikolu (6) tal-Kostituzzjoni jghid li:

"Dhul f' impiegi ma' kull korp stabbilit bil-Kostituzzjoni jew b' xi ligi jew taht xi ligi ohra, u ma' kull socjeta` jew korp iehor li fih il-Gvern ta' Malta, jew xi korp kif intqal qabel, ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, ghandu, kemm-il darba dak id-dhul ma jkunx sar wara ezami pubbliku li jkun gie avzat kif imiss, isir permezz tas-servizz ghall-impjegar kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu."

Ghalhekk id-dhul fl-impieg tar-rikorrent sar bi ksur manifest tal-artiklu 110 subartiklu (6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.  Ukoll suppost li l-impieg sar wara proceduri mal-Labour Office u wara l-ETC izda minn dan kollu fil-kaz tar-rikorrent ma sar xejn.  Il-pozizzjoni tar-rikorrent xejn ma kienet sabiha u nies bhalu kienu f' pozizzjoni kompletament fluwida.

It-Tribunal jixtieq jikkwota minn sentenza ohra moghtija minnu fit-22 ta' Novembru 2001 fis-sentenza fl-ismijiet Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta et fejn qal:

"Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat.  Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar

favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll "Law of the European Convention on Human Rights" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "Law and Practice of the European Convention on Human Rights" - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136."

Illi r-rikorrent fil-kors tal-kawza ilmenta wkoll li kien hemm nies li dahlu jahdmu mal-Air Malta waqt li hu ghalkemm imwieghed ma dahalx izda rrizulta li dak li kien qieghed jirreferi ghalih ir-rikorrent fil-fatt kien procedura li meta jizdied ix-xoghol fix-xhur tas-sajf l-Air Malta (u mhux l-Air Supplies ma' liema socjeta` r-rikorrent kellu impjieg irregolari) kienet timpjega ghal zmien temporanju numru ta' haddiema.

Mix-xhieda tas-Segretarju Generali tal-General Workers' Union Tony Zarb jirrizulta li l-General Workers' Union kienet ghamlet l-ahjar taghha biex tissalvagwardja l-impieg tar-rikorrenti izda kienet rinfaccjata bil-problema tal-irregolarita` tal-impjieg tar-rikorrent u nies ohra bhalu. Dan gie konfermat anke minn Joseph Abdilla Manager Human Resources. Ukoll l-impieg tar-rikorrent kien mal-Air Supplies u mhux mal-Air Malta.

Illi ghalhekk il-pozizzjoni tar-rikorrent hija wahda ta' bniedem li dahal f' impjieg b' mod irregolari u li ghalhekk dan ma kellux l-istess drittijiet ta' haddiema regolari. Illi ghalhekk fil-kaz in ezami ma jirrizultax li fil-konfront tar-rikorrent dan garrab ingustizzja b' konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita bi hsara ghalih kif indikat fil-Kap 394 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata dwar dan l-aspett.

D] ***Ir-rikorrent ilmenta wkoll mill-fatt li gew impjegati nies ohra fl-1992 u hu ma giex impjegat mal-Air Malta***

izda bhala stat ta' fatt ma jirrizultax la li r-rikorrent kien applika u anqas saru ebda provi li hu kellu kwalitajiet aktar pozittivi minn dawk li fil-fatt gew moghtija l-impjieg. Ghalhekk jichad ukoll it-talba tar-rikorrent dwar dan l-aspett.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------